VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,263, 4 ta' Ġunju, 2014
Taqsima B

A.L. 195 tal-2014

KODIĊI ĊIVILI
(KAP. 16)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Kundizzjonijiet tal-Kirjiet ta' Każini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 1531J tal-Kodiċi Ċivili, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Kundizzjonijiet tal-Kirjiet ta' Każini.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2014.

Kirjiet ta' każini. Kap. 16.

2. (1) Il-kera ta' każin kif indikat fl-artikolu 1531J tal-Kodiċi Ċivili li titħallas abbażi ta' kirja miftehma qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub li jkun sar wara l-1 ta' Jannar 2014, jew ta' ftehim bil-miktub li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju 1995, dwar kirja li tkun għadha fil-perijodu oriġinali tagħha *di fermo* jew *di rispetto* fl-1 ta' Jannar 2014, mid-data tal-ewwel pagament ta' kera dovuta wara l-1 ta' Jannar 2014, għandha tigi miżjuda b'rata fissa ta' 10% fuq il-kera dovuta għas-sena preċedenti u hekk għandha tibqa tiġi miżjuda mid-data tal-ewwel pagament ta' kera dovuta wara l-1 ta' Jannar ta' kull sena sas-sena 2016 inkluża, bir-rata ta' 10% fuq il-kera tas-sena preċedenti.

(2) Il-kera mill-ewwel pagament ta' kera dovuta mill-1 ta' Jannar 2017, għandha tkun b'rata fissa annwali ta' 5% miżjuda fuq il-kera pagabbli għas-sena 2016. Sussegwentement, il-kera tibqa tiżdied bir-rata ta' 5% fis-sena sal-31 ta' Diċembru 2023 u wara dan il-perijodu l-kera tibqa tiżdied kull sena skont l-Indiċi tal-Inflazzjoni.

Fejn il-fond mikri bħala każin jiġġenera dħul minn attività ekonomika.

3. (1) Fil-każ li l-fond jew parti minnu li hu mikri bħala każin u li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti huwa użat għall-ġenerazzjoni ta' dħul minn attivitajiet ekonomiċi mwettqa fl-istess fond, mill-1 ta' Jannar 2015 l-inkwilin tal-fond għandu jħallas ukoll lill-persuna li hi intitolata li tirċievi l-kera, ammont ekwivalenti għal 5% fuq id-dħul annwali derivat minn kull attività ekonomika mwettqa fil-proprjetà mikrija lill-każin, u għandu jiġi eskluż id-dħul derivat minn attivitajiet ta' ġbir ta' fondi jew attivitajiet filantropiċi organizzati u amministrati mill-każin innifsu:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament, dħul minn attivitajiet ekonomiċi tfisser kwalunkwe dħul li jsir direttament jew indirettament u li jiġi ġenerat mill-bar u, jew ristorant u minn kull kirja, sullokazzjoni, twellija jew ftehim ta' ġestjoni dwar l-istess fond li jkun mikri bħala każin jew parti minnu.

(2) L-ammont indikat fis-subregolament (1) għandu jiġi kalkulat kull sena u għandu jitħallas sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara u l-ewwel pagament dovut għas-sena 2015 għandu jitħallas sat-30 ta' Settembru 2016.

(3) L-imsemmi dħul annwali indikat fis-subregolament (1) għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji ffirmati minn *accountant* pubbliku ċertifikat fil-każ ta' każini li għandhom dħul inqas minn €200,000 fis-sena u dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati fil-każ ta' każini li għandhom dħul ta' €200,000 jew iktar fis-sena.